II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### tal-4 ta' Diċembru 2008

### dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll fuq il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali fil-Mediterran tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran

(2009/89/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1), flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni ta' Barċellona") ġiet konkluża f'isem il-Komunità Ewropea mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 77/585/KEE ([1]) u 1999/802/KE ([2]).

(2) L-Artikolu 4.3 (e) tal-Konvenzjoni ta' Barċellona jikkommetti lill-Partijiet Kontraenti biex jippromwovu l-ġestjoni integrata taż-żoni kostali, filwaqt li jittieħed kont tal-protezzjoni ta' żoni ta' interess ekoloġiku u tal-pajsaġġ kif ukoll l-użu razzjonali tar-riżorsi naturali.

(3) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2002, dwar l-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali fl-Ewropa ([3]), u b'mod partikolari l-Kapitlu V tagħha, tinkuraġġixxi l-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata taż-żona kostali fil-kuntest tal-konvenzjonijiet eżistenti mal-pajjiżi ġirien, inklużi Stati li mhumiex Stati Membri, fl-istess baħar reġjonali.

(4) Il-Komunità tippromwovi l-ġestjoni integrata fuq skala ikbar permezz ta' strumenti orizzontali, inkluż fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali. Għalhekk, dawn l-attivitajiet jikkontribwixxu għall-ġestjoni integrata taż-żona kostali.

(5) Il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali hija komponent wieħed tal-Politika Marittima Integrata tal-UE kif approvata mill-Kunsill Ewropew li sar ġewwa Lisbona, fit-13 u l-14 ta' Diċembru 2007.

(6) Bis-saħħa ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2006, il-Kummissjoni pparteċipat f'isem il-Komunità, f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-Istati Membri, fin-negozjati organizzati mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran bil-ħsieb li jiġi ppreparat Protokoll dwar il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali fil-Mediterran (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll ĠIŻM").

(7) B'riżultata ta' dawk in-negozjati, it-test tal-Protokoll ĠIŻM ġie adottat mill-Konferenza tal-Plenipotenzjarji fl-20 ta' Jannar 2008 u dan ser ikun miftuħ għall-iffirmar sal-20 ta' Jannar 2009.

(8) Iż-żoni kostali Mediterranji qed ikomplu jġarrbu pressjonijiet kbar fuq l-ambjent u d-degradazzjoni tar-riżorsi kostali. Il-Protokoll ĠIŻM jipprovdi qafas biex jistimula approċċ aktar konċertat u integrat, li jinvolvi lill-partijiet interessati pubbliċi u privati inklużi s-soċjetà ċivili u l-operaturi ekonomiċi. Huwa meħtieġ approċċ inklużiv bħal dan sabiex dawn il-problemi jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv u jinkiseb żvilupp aktar sostenibbli taż-Żoni kostali Mediterranji.

([1]) ĠU L 240, 19.9.1977, p. 1.
([2]) ĠU L 322, 14.12.1999, p. 32.
([3]) ĠU L 148, 6.6.2002, p. 24.

(9) Il-Protokoll ĠIŻM ikopri firxa wiesgħa ta’ dispożizzjonijiet li ser ikollhom bżonn jiġu implimentati minn livelli differenti ta’ amministrazzjoni filwaqt li jittieħed kont tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Filwaqt li huwa xieraq għall-Komunità li tkun ta’ appoġġ għall-ġestjoni integrata taż-żona kostali, waqt li titqies, inter alia, in-natura transkonfinali tal-maġġoranza tal-problemi ambjentali, l-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti relevanti tagħhom ser ikunu responsabbli għad-disinn u l-implimentazzjoni fit-territorju kostali ta’ ċerti miżuri dettaljati stabbiliti fil-Protokoll ĠIŻM, bħalma hu l-istabbiliment ta’ żoni fejn il-kostruzzjoni mhijiex permessa.

(10) Jixraq li l-Protokoll ĠIŻM jiġi ffirmat, f’isem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni sussegwenti tiegħu f’data aktar tard,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Protokoll fuq il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali fil-Mediterran tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran huwa b’dan approvat f’isem il-Komunità Ewropea, soġġett għall-konklużjoni sussegwenti tiegħu f’data aktar tard.

It-test tal-Protokoll ĠIŻM huwa mehmuż ma’ din id-Deċiżjoni [1].

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b’dan awtorizzat jinnomina l-persuni mogħtija s-setgħa jiffirmaw il-Protokoll f’isem il-Komunità.

Magħmula fi Brussell, 4 ta’ Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

N. KOSCIUSKO-MORIZET

[1] Ara paġna 19 ta’ dan il-Ġurnal Uffiċjali.